# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 697/13MH**

**Illum 9 t' Ottubru, 2017**

**Emanuel sive Noel Zammit [K.I. 7563M]**

**vs**

**Susanne Zammit, Rita Farrugia, Josephine Spiteri u Lina Zahra**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-attur** tas-17 ta' Lulju 2013 fejn gie premess:

*"1.Illi fl-1 t'Ottubru, 2012 in-Nutar Dorianne Arapa ippubblikat testment ta' Alfred Del Volto Santo Zammit, missier l-esponenti, kif jidher skont id-dokument (NZ 1) anness. Missier l-esponent miet fil-25 ta' Novembru, 2012 (Dokument NZ2).*

*2.Illi in atti t-testment riferenzjat jinghad li l-istess testment gie maghmul, moqri u ppubblikat wara li l-kontenut tieghu gie spjegat min-Nutar imsemmi fil-presenza tax-xhieda David Balzan u Malcolm Balzan.*

*3.Illi jirrizulta li kienu l-konvenuti Susanne Zammit u Rita Farrugia illi hadu lil missier l-esponent fl-ufficcju tan-Nutar Dorianne Arapa, u li kienu tar-redazzjoni tat-testment ta' missierhom, illi l-kontenut tieghu gie dettat mill-istess konvenuti.*

*4.Illi jirrizulta li l-kontenut tat-testment hekk maghmul bl-ebda mod kwalsiasi ma gie spjegat lit-testatur fil-presenza tax-xhieda hawn fuq imsemmija. Meta t-testment kien ghal kollox abbozzat ix-xhieda issejhu biex jiffirmaw u xejn izjed.*

*Fl-istess jum tal-pubblikazzjoni tat-testment involut, il-konvenuta Susanne Zammit irciviet u akkwistat minghand missierha flimkien ma' ohtha l-konvenuta l-ohra Rita Farrugia l-fond bl-isem 'Caprice' fi Triq San Anard, Tarxien, b'kuntratt in atti ukoll tan-Nutar Dorianne Arapa. Tali trasferiment sar b'titolu ta' 'datio in solutum', allegatament minhabba servigi rezi, u l-propjeta' hekk trasferita giet stamat b'valur ta' €230,000.*

*5.Illi t-testment ippublikat kif inghat fl-1 ta' Ottubru, 2012 huwa null (artikolu 40 tal-Kap. 55 tal-Ligijiet) ghaliex ma gewx osservati d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 (3), (4) u (5) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet suesposti:*

(i) *Tiddikjara u tiddeciedi illi t-testment li gie pubblikat in atti n-Nutar Dorianne Arapa ta' l-1 ta' Ottubru, 2012 huwa null kif ikkontemplat skont l-artikolu 40 (e) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet, liema artikoli tal-ligi jezigi l-ottemperanza mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 (3), (4) u (5) ta' l-istess Kap.25, illi kif gie spjegat twarrbu ghal kollox biex gie pubblikat it-testment riferenzjat;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom li jibqghu ngunti in subizzjoni, u bir-riservaespressa ta' kull dritt ta' azzjoni ghar-risarciment tad-danni li jirrizultaw."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenuti Susanne Zammit u ta' Rita Farrugia** tad-9 ta' Dicembru 2013[1] li permezz taghha ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

1. *Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għaliex t-testment de quo jissodisfa d-dispost tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Illi m'huwiex assolutament minnu illi l-kontenut tat-testment ta' missier il-partijiet f'din il-kawża ġie detat mill-intimati;*
3. *Illi jidher mir-rikors ġuramentatat illi huwa paċifiku li t-testment jirrifletti l-intenzjoni tat-testatur u li l-istess testatur kien kapaċi jagħmel testment skont il-liġi;*
4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:***

*1.1 Illi l-intimati jaqblu mal-ewwel żewġ premessi u mat-tieni paragrafu tar-raba' premessa tar-rikors ġuramentat iżda mhux mal-kumplament tad-dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti;*

[1] Fol 20 et seq

2.1 *Illi l-intimati jikkontestaw bil-qawwa illi huma kienu b'xi mod komparteċipi fl-abbozzar tat-testment ta' missierhom u/jew li l-kontenut tal-istess ġie dettat minnhom;*

2.2 *Illi l-intimati ma jiċħdux li dakinhar li ġie ppublikat it-testment ta missierhom ġie wkoll ppublikat kuntratt ta' trasferiment minn missierhom lejhom tal-proprjeta' "Caprice", fi Triq San Anard, Tarxien. Dan pero sar fuq insistenza ta' missierhom illi rid li jikkumpenshom ta' dak li kienu u baqaw jgħamlu miegħu u daru bih tul ħajtu;*

2.3 *Illi dan bl-ebda mod ma jfisser li huma u/jew in-Nutar Arapa naqqsu milli jħallu lill-mibki Alfred del Volto Santo Zammit liberu f'li jindika l-veri xewqat u r-rieda finali tiegħu fit-testment tiegħu jew li b'xi mod affetwaw l-istess xewqat/rieda;*

2.4 *Illi kien konvenjenti għal missier il-partijiet f'din il-kawża u ddeċieda hu stess illi ladarba kien ser ikun għand in-Nutar Arapa, jagħmel dawk l-atti kollha li ħass il-ħtieġa li jagħmel;*

3.1 *Illi x-xhieda David u Malcolm Balzan li dehru fuq t-testment tat-testatur, missier il-partijiet fil-kawża, kienu u huma idonji sabiex jidhru fuq l-istess u kienu magħrufa minn-Nutar Arapa skont dak li tirrikjedi l-liġi;*

3.2 *Illi fir-rigward tal-pubblikazzjoni tat-testment ta' Alfred del Volto Santo Zammit, l-istess xhieda Balzan kienu wkoll preżenti kif, meta u skont dak rikjest mil-liġi;*

4.1 *Illi l-intimati jaqblu mal-ewwel żewġ premessi u mat-tieni paragrafu tar-raba' premessa tar-rikors ġuramentat iżda mhux mal-kumplament tad-dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti;*

4.2 *Illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12, Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi għajr għal dak dikjarat fl-ewwel eċċezzjoni ta' din ir-*

*risposta, il-fatti dikjarati mir-rikorrenti qiegħdin jiġu kkontestati bil-qawwa, jeħtieġ illi jiġu ppruvati, u jimmeritaw li jiġu miċħuda bi spejjeż kontra r-rikorrenti li huwa minn issa nġunt in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat illi l-**konvenunta Josephine Spiteri, debitament notifikata fit-22 t'Awwissu 2013**[2]**, baqghet kontumaci**.

Rat illi l-**konvenuta Lina Zahra**, ukoll **debitament notifikata**[3]**, baqghet kontumaci**.

Rat l-affidavits u t-traskrizzjoni tax-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum l-attur qieghed jattakka l-validita' tat-testment ta' missieru pubblikat fl-1 t'Ottubru 2012 ghax fil-fehma tieghu dan ma jissodisfax il-formalitajiet kollha mandatorji tal-ligi u ghaldaqstant ghandu jigi dikjarat null.

Minn naha taghhom il-konvenuti hutu Susanne Zammit u Rita Farrugia qeghdin jikkontestaw dawn il-pretensjonijiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Il-fatti saljenti li jirrizultaw mill-atti** huma li:

---

[2] Fol 10A
[3] Fol 25B et seq

1. L-attur ghandu erba' hutu ohra bniet li huma l-konvenuti f'din il-kawza. Ommhom mietet **fis-16 ta' Gunju 2009**[4], u missierhom Alfred del Volto Santo Zammit miet **fil-25 ta' Novembru 2012**[5];

2. Il-fond matrimonjali tal-ġenituri tieghu huwa dak bl-indirizz 149, "Caprice", Triq San Anard, Hal Tarxien;

3. **L-attur Emanuel Zammit** ta l-verzjoni tieghu tal-fatti. Huwa xehed[6] li waqt operazzjoni tal-qalb li kien ghamel missierhom fit-28 ta' Frar 2010 tatu puplesija li hallietu b'dizabilita'. Ftit tax-xhur wara huwa dahal San Vincenz de Paule ghax ma kienx baqa' f'qaghda li jista' jiehu hsieb tieghu innifsu. L-attur jiddeskrivi r-relazzjoni ma' missieru bhala wahda tajba inkluz il-perjodu tas-sentejn qabel ma' miet, tant li kien anke ghamillu prokura. Eventwalment ohtu Susanne Zammit talbet li ssir prokura kongunta u hekk sar. Giet irtirata l-prokura originali fuq isem l-attur. Meta f'Mejju 2012 kien mar biex izur lil missieru l-isptar, giet ohtu Susanne Zammit u nqala' argument bejniethom. Xi zmien wara, u cioe' ftit xhur qabel ma' miet missieru l-attur kien twaqqaf milli jkompli jmur jarah ghax minhabba ittra legali li rcieva f'dan is-sens. Kienu dahlu anke l-pulizija fin-nofs[7]. F'dan il-perjodu huwa kien xorta cempel lil missieru xi darbtejn jew tlett darbiet, u missieru kien cahad li ta xi struzzjonijiet biex issir dik l-ittra. Huwa jsemmi diversi episodji fejn il-konvenuta Zammit kellha dizgwidi anke mal-genituri specjalment m'ommha.

4. Il-konvenuta Susanne Zammit xehdet li fl-1 t'Ottubru 2012 missierha talab lilha u lill-ohtha Rita Farrugia sabiex jehduh ghand in-nutar Dr Dorianne Arapa

[4] Affidavit tal-attur a fol 37
[5] Certifkat tal-mewt a fol 9
[6] Xhieda a fol 37 et seq
[7] Ara wkoll dok EZ 1 u EZ 2 afol 53 et seq

ghax ried itihom id-dar matrimonjali tieghu b'donazzjoni talli kienu daru bih. Hi qalet li misserhom kellu xi jghid mal-attur ghax dan kien abbuza mill-prokura li kien tah u uzaha ghall-interessi personali tieghu. Waqt li kienu hemm, missierhom ghamel it-testment tieghu. Ghalkemm missierha kien konfinat fuq il-*wheelchair* u allura kellu bzonn l-ghajnuna ghat-trasport, madankollu huwa kien f'sensih. Hija halliet lil missierha wahdu man-Nutar sakemm marret ghal ohtha Rita Birkirkara sabiex din tkun tista tiffirma l-kuntratt ta' donazzjoni. Waqt il-qari tat-testment missierha kien insista li z-zewgt uliedu bniet jibqghu mieghu. Zammit tishaq li kemm hi, ohtha, anke n-Nutara kienu hallew lil Alfred Zammit jesprimi x-xewqat tieghu fit-testment.

5. Gew prezentati wkoll diversi dokumenti, fosthom ittri legali li ntbaghtu proprju ftit xhur qabel ma' miet missier l-attur:

a. **Fl-1 ta' Dicembru 2011** missier il-kontendenti, Alfred del Volto Santo Zammit ghamel testment quddiem in-nutar pubbliku Dr Ivan Barbara li fih halla b'titolu ta' legat konsegwibbli wara mewtu is-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) lill-attur sabiex jikkumpensah tax-xoghol li kien ghamel u ser jibqa' jaghmel mieghu. Dan oltre l-garaxx f'Hal Tarxien li kien diga' gie donat mit-testatur lill-attur. Mill-bqija Alfred Zammit kien ikkonferma l-kontenut tat-testment precedenti li kien sar fl-2009[8];

b. Permezz ta' **ittra ufficjali datata 27 t'April 2012** Alfred Zammit informa lill-attur li huwa kien irrevoka l-prokura precedentement moghtija lilu stante li din giet sostitwita minn prokura gdida annessa u li appuntat lill-attur u lil ohtu Susanne Zammit bhala prokuraturi ta' missierhom sabiex jagixxu

[8] Fol 87 et seq

konguntivament ghal dak li jirrigwarda amministrazzjoni tal-proprjeta' tieghu fost ohrajn[9];

c. Permezz ta' **ittra ufficjali datata 4 ta' Mejju 2012** Alfred Zammit informa lill-attur li huwa kien rega' rrevoka l-prokura maghmula ftit tal-jiem qabel u flimkien ma' Susanne Zammit kien ghamel lil bintu l-ohra Rita Farrugia bhala l-prokuraturi tieghu[10];

d. **Ittra legali tad-9 ta' Mejju 2012** f'isem missierhom Alfred del Volto Santo Zammit permezz ta' liema interpella lill-attur fi zmien 3 ijiem jirritornalu l-vettura proprjeta' tieghu, ic-cwievet kollha tal-proprjetajiet tieghu li kienu fil-pussess tal-attur, il-passaport, karta tal-identita', ic-cheque books u kotba/dokumenti bankarji ohra tieghu li kienu jinsabu ghandu flimkien ma' kwalunkwe dokument iehor personali ta' Alfred Zammit li seta' kien fil-pussess tal-attur.

e. **Ittra legali tal-11 ta' Mejju 2012** f'isem missierhom permezz ta' liema l-attur intalab biex ma jmurx ikompli jzuru f'San Vincenz de Paule fejn huwa kien residenti[11];

f. **Ittra legali tat-2 ta' Lulju 2012** f'isem Susanna Zammit u Rita Farrugia permezz ta' liema huma nterpellaw lill-attur sabiex jaghti rendikont dettaljat ta' transazzjonijiet li huwa kien ghamel meta kien prokuratur ta' missierhom[12]. Ittra nterpellatorja ohra da parti taghhom ghal dan il-ghan regghet intbaghtet fis-**27 t'Awwissu 2012**[13];

---

[9] Fol 89 et seq
[10] Fol 91 et seq
[11] Fol 63
[12] Fol 62
[13] Fol 72 et seq

g. **Fis-26 ta' Lulju 2012** il-psikjatra Dr Etienne Muscat ezamina lill-Alfred Zammit u rrilaxxa certifikat li l-pazjent kien mentalment kapaci bizzejjed li jaghmel testment[14];

h. **Fl-1 t'Ottubru 2012** gie pubblikat it-testment ta' missier l-attur Alfred Del Volto Santo Zammit minn Nutar Pubbliku Dr Dorianne Arapa fil-prezenza ta' zewg xhieda, David Balzan u Malcolm Balzan[15]. Dan huwa t-testment mertu ta' dawn il-proceduri u jipprovdi hekk –
-ir-revoka ta' testmenti precedenti.
-l-obbligu fuq ibnu l-attur ta' kollazzjoni u imputazzjoni fil-likwidazzjoni ta' l-assi testamentarji kollha tat-testatur, inkluz allura l-garaxx imsemmi gia moghti lilu b'titolu ta' donazzjoni.
-gie ukoll dikjarat mit-testatur illi minhabba abbuz mill-prokura lilu moghtija mit-testatur, l-attur kien qed jigi meqjus illi kien b'hekk gia ppercepixxa s-sehem risevat lilu dovut.
-gew istitwiti bhala werrieta universali uliedu bniet konvenuti.

i. Gew esibiti wkoll xi rapporti li saru bejn l-attur u Susanne Zammit lill-Pulizija u anke xi proceduri legali mill-Pulizija li ttiehdu fil-konfront tal-attur minhabba litigji familjari[16];

j.Dakinhar stess li sar it-testment ta' Alfred Zammit huwa ghamel ukoll kuntratt ta' donazzjoni permezz ta' liema huwa trasferixxa b'donazzjoni l-fond bl-isem ta' Caprice, Triq San Anard, Tarxien liz-zewg uliedu bniet, il-konvenuti Susanne Zammit u Rita Farrugia. Dan il-kuntratt m'huwhiex mertu ta' dawn il-proceduri.

---

[14] Fol 8
[15] Fol 5 et seq
[16] Fol 53-54 u Fol 93 et seq

-Fl-insinwa din il-proprjeta' giet dikjarata li ghandha l-valur ta' €230,000[17].

**Ikkunsidrat:**

Espost dan l-isfond fattwali, l-Qorti sejra tevalwa l-pretensjonijiet tal-attur. Il-bazi tal-azzjoni tieghu hija n-non osservanza tal-formalitajiet nutarili mandatorji kif sanciti fl-artikolu 25 (3), (4) u (5) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan meta sar it-testment ta' missieru Alfred Zammit ippublikat fl-1 t'Ottubru 2012. Konsegwentement l-attur qieghed jitlob mill-Qorti dikjarazzjoni ta' nullita' ta' dan l-istess testament a tenur tal-artikolu 40 (1) (e) tal-Att.

L-artikolu 25 tal-Att jipprovdi hekk –

*"25. (1) F'dan l-Att, "parti" tirreferi għal dik il-persuna li tkun parti fin-negotium li huwa inkorporat fl-att u, f'każ ta' testment, għat-testatur; u "komparenti" tfisser il-persuna li tidher quddiem nutar jew bħala parti jew bħala rappreżenta nt jew aġent ta' parti.*

*(2) In-nutar ma jistax jirċievi att nutarili ħlief fil-preżenza tal-komparenti.*

*(3) Il-preżenza ta' żewġ xhieda hija meħtieġa biss fil-każijiet li ġejjin:*

*(a) kull meta titlob hekk xi wieħed mill-komparenti;*
*(b) kull meta xi wieħed mill-komparenti ma jafx kif jew ma jkunx jista' jiffirma ismu;*
*(ċ) f'każ ta' testmenti pubbliċi; u*
*(d) f'każ ta' att nutarili ta' kunsinna ta' testmenti sigrieti.*

---
[17] Fol 97

*(4) Hu dmir tan-nutar li jiddiriġi l-kompilazzjoni tal-att mill-bidu sat-tmiem, ukoll fil-każ li jagħtih biex tħejjih persuna ta' fiduċja tiegħu.*

*(5) Lin-nutar waħdu jmiss li jara x'inhi l-volontà tal-komparenti u li jistaqsi, wara li jkun qralhom u fissrilhom l-att, jekk dan hux skont il-volontà tagħhom."*

L-artikolu 40 (1) (e) tal-Att jiprovdi hekk –

*"(1) Att nutarili hu null:*

*[….]*

*(e) jekk il-ħtiġiet tal-artikoli 25(2), (3), (4) u (5), 27, 28(1)(k) u 34 ma jkunux ġew imħarsa;"*

Ghal dak li jirrigwarda r-rekwizit tas-**sub-artikolu (3) tal-artiklu 25**, ma hemm ebda dubju ghall-Qorti li dan gie osservat. Is-sub-paragrafu (c) tieghu jesigi l-prezenza ta' zewg xhieda fil-kaz ta' testmenti pubblici, u fil-kaz tal-lum huwa pacifiku li kien hemm zewg xhieda prezenti u cioe' David Balzan u Malcolm Balzan.

Ghal dak li jirrigwarda r-rekwizit tas-**sub-artikolu (4) tal-artiklu 25**, dan jobbliga lin-nutar koncernat li jkun hu li jiddirigi l-kumpilazzjoni tal-att nutarili mill-bidu sal-ahhar.

**In-nutar Dr Dorianne Arapa** xehdet b'mod mhux kontradett li "*t-testment inkiteb dak il-hin*[18]" u allura hi kitbitu dakinhar stess li sar it-testment. Dan huwa konfermat mill-konvenuta Susanne Zammit li fl-affidavit taghha qalet hekk[19] - "*Niftakar li wara li (n-nutara) lestiet il-kitba tal-testment……*". L-osservanza ta' din il-formalita' hija ghalhekk meqjusa pruvata.

Ghal dak li jirrigwarda r-rekwizit tas-**sub-artikolu (5) tal-artiklu 25**, dan jobbliga lin-nutar jidentifika x'inhi r-rieda tat-testatur, u wara li jaqralu x'ikun hemm miktub fit-testment ghandu jassikura ruhu li dak li hemm miktub jirrifletti r-rieda espressa mill-istess testatur.

Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li l-ewwel laqgha li n-nutar Arapa kellha mat-testatur dwar it-testment ma kinitx dakinhar li effettivament sar. Hija tixhed hekk[20] -

*"Fl-ewwel laqgha li kelli fl-ufficcju tieghi mas-sur Emanuel Del Volto Santo Zammit, jien ma ppublikajtx testament jew kuntratti. Sempliciment tkellimna u qalli x'ried. Jiena tlabt illi jigi prodott certifikat mediku mahrug minn psikjatra biex jien inkun certa li Mr Zammit hu mentalment kapaci jaghmel dak li qalli li ried jaghmel. Saret it-tieni laqgha. Dakinhar sar it-testment u wkoll il-kuntratt fejn l-oggett kienet id-dar ta' Hal Tarxien…..It-testment inkiteb dak il-hin u ghaddejtu kemm il-darba mat-testatur igifieri qrajtulu u fehmtu l-kontenut tieghu biex inkun certa li din kienet ir-rieda tat-testatur. It-testatur qalli li kien ghaddej b'xi procedure. Kien semmieli li kien lest li jmexxi kontra ibnu l-attur ghaliex beda jghid illi dan ghamel uzu hazin ta' prokura li kien tah u hassu li kien gie ittradut. Kien ukoll irrabjat. Niftakar li Mr Zammit kien qieghed f'wheelchair.*

[18] Fol 107 et seq
[19] Fol 114
[20] Fol 107 et seq

*Mr Zammit kien ferm fir-rieda tieghu. Kif jien rajt li dik kienet ir-rieda tieghu ghajjatt zewg xhieda."*

Hi tkompli tixhed hekk dwar ir-rieda tat-testatur[21] -

*"Bi kliem semplici hafna, at a point in time ghidtlu "allura lil Noel xejn? Alfred Zammit kien bilqeghda fuq il-wheelchair vicin l-iskrivanija tieghi. Fil-prezenza tax-xhieda sabbat zewg idejn fuq l-iskrivanija, gholla ghajnejh, qalli "xejn". B'konvinzjoni kbira qalli din il-kelma.*

*[….]*

*"Nikkonferma li minn x'hin dahal sakemm hin hareg mill-ufficcju tieghi, Mr Zammit qatt ma hareg. Wqt li kont qieghda wahdi mas-Sur Zammit, jiena accertajt ruhi illi hekk verament ried jaghmel is-sur Zammit. Ridt inkun certa li dik kienet il-volonta' tieghu. Bhal ma nafu, meta persuna tithalla barra mit-testment jew tithalla l-legittima, jinqalghulek dejjem il-kwistjonijiet, kif fil-fatt gara f'dan il-kaz."*

Il-Qorti tqis din ix-xhieda anke fl-isfond tac-certifikazzjoni li saret mill-psikjatra Dr Etienne Muscat fir-rigward tal-kapacita' testamentarja tat-testatur Alfred Zammit. Dan il-psikjatra, ftit taz-zmien qabel sar it-testment in kwistjoni kien iccertifika hekk -

*"Mr Zammit shows good awareness of the rationale and process behind making and changing a will. There is no sign of undue influence. There is no sign of*

[21] Fol 108

*psychiatric illness that could impair thought processes. Mr Zammit reaches rational decisions, and communicates these consistently and coherently.*

*In sum, I find that Mr Alfred Zammit retains intact testamentary capacity."*

Anke l-attur stess ikkonferma l-istat mentali tajjeb ta' missieru. Huwa qal hekk –

*"Il-papa' kien ragel f'sensih, hundred percent kien f'sensih. M'inix nallega li l-papa' ma kienx f'sensih*[22]*."*

Dan kollu jikkontrasta sew ma' dak li l-attur qal li ntqal lilu minn wiehed mix-xhieda tat-testment u cioe' li t-testatur "kien konfuz"[23] waqt li qed isir it-testment, **verzjoni li del resto lanqas biss hija konfermata mill-istess xhieda ahwa Balzan meta xehdu quddiem il-Qorti.**[24]

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma ssib ebda raguni valida il ghala hija m'ghandhiex temmen dak li nghad min-Nutar Arapa, **b'mod emfatiku u tenut kont ukoll li kien hemm hinijiet fejn hi kienet wahedha mat-testatur u kellha hin a disposizzjoni taghha sabiex tapprofondixxi l-indagini taghha dwar il-volonta' tat-testatur, kif fil-fatt ghamlet.**[25]

Il-formalita' li ghaliha jipprovdi s-sub-artikolu (5) tal-artiklu 25 hija ghalhekk meqjusa sodisfatta.

---

[22] Affidavit tal-attur a fol 39
[23] Fol 77
[24] Enfasi ta' din il-Qorti.
[25] Enfasi ta' din il-Qorti.

Ghal kull buon fini u ghal dak li jirrigwarda l-volonta' tat-testatur, jigi osservat ukoll li "*L-intenzjoni tat-testatur ghandha tingibed mid-disposizzjonijiet tal-istess testment ...*[26]". Fil-fehma tal-Qorti, id-dispozizzjonijiet tat-testment in ezami huma cari u inekwivoci. It-testatur ried ihalli barra lill-ibnu l-attur mill-wirt ghaliex ghar-ragunijiet indikati fl-istess testment, huwa gie meqjus li "*diga' thallas ghas-saldu tas-sehem riservat*[27]*.*"

Inghad ukoll fil-konfront ta' attakk fuq il-validita' ta' testment illi kull interpretazzjoni ghandha tkun wahda ristrettiva u kwalunkwe dubju ghandu jmur a favur u in sostenn tad-disposizzjonijiet testamentarji.[28]

Insibu fuq l-istess linja fid-decizzjoni **Mary Rose Mifsud vs Dr. Joseph Bartolo**[29]**,** liema sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li nghad dan:-

*"Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l-gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita` ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett".*

Fil-fehma tal-attur *"Jien ma' naqbilx li dak li hemm fit-testment jirrifletti l-volonta' tal-papa'. Id-diskors li hemm fit-testment il-papa' qatt ma kien ser*

[26] **Connie Galea vs Joseph Gauci** deciz 31 ta' Mejju 2002 (Nru 149/94)
[27] Fol 7
[28] Ara **Anton Ellul et. vs Maria Busutill et**. deciza 18/07/2017 App Civ.792/02
[29] P.A. 27/02/2011

*jasal jghidu fuqi. Dwar dan m'ghandi l-ebda dubju[30].''* Izda mmedjatament qabel qal dan il-kliem l-attur kien ghadu kemm ikkonferma *"li l-ahhar darba li rajtu l-papa' kien fl-10 ta' Mejju 2012*[31] u cioe' diversi xhur qabel ma sar it-testment in ezami.

Fil-fehma tal-Qorti, u kuntrarjament ghal dak li qed jghid l-attur, l-isfond fattwali li zviluppa fix-xhur ta' qabel ma sar it-testment in kwistjoni, huwa kompatibbli ma' din ir-rieda kif espressa minn Alfred Zammit. Jibda biex jinghad li huwa minnu li circa sena qabel ma sar it-testment mertu tal-proceduri odjerni missier l-attur kellu volonta' diversa fir-rigward tal-attur tant li kien ghamel testment b'kontenut ferm differenti minn dak tal-lum. Izda t-testatur jibqa' dejjem liberu li jibdel fehmtu anke minhabba cirkostanzi li jistghu jinbidlu. Fil-kaz tal-lum, anke c-cirkustanzi li pprecedew it-testment in ezami jkomplu jikkonfermaw li t-testatur jidher li kellu bidla fil-volonta' tieghu fir-rigward ta' dak li huwa xtaq ihalli lill-ibnu l-attur Emanuel Zammit. Mill-provi migjuba in atti jidher li r-relazzjoni bejn l-attur u missieru ma kinitx baqghet wahda amikevoli tant li fix-xhur ta' qabel ma sar it-testment intbaghtu numru ta' ittri legali sabiex l-attur ma jibqax imur izuru u biex jirritornalu c-cwievet tal-propjetajiet ecc. Minkejja li l-attur jallega li missieru kien manipulat partikolarment minn ohtu l-konvenuta Susanne Zammit, prova konkreta dwar dan qatt ma ngiebet u oltre dan, dawn l-ittri legali li ntbaghtu lill-attur anke minn missieru ma jirrizultax li qatt ma gew kontestati formalment mill-attur.

L-allegazzjonijiet tal-attur fir-rigward tal-volonta' tat-testatur missieru fit-testment tal-1 t'Ottubru 2012 huma ghalhekk meqjusa nfondati.

**Ikkunsidrat:**

---

[30] Fol 77
[31] Fol 77

Mill-atti huwa evidenti li l-attur iffoka hafna mill-evidenza tieghu ukoll fuq l-allegazzjoni li n-nutar Arapa ma qratx u ma spjegatx il-kontenut tat-testment lit-testatur Zammit fil-prezenza tax-xhieda. Legalment, tali nuqqas iwassal ghan-annullabilita' tal-att, u dan a tenur tal-artikolu 40 (2) (f) tal-Att li jiprovdi hekk –

*"(1) Att nutarili hu annullabbli:*

*[….]*

*(f) jekk in-nutar ma jkunx qara u spjega l-att lill-komparenti fil-preżenza tax-xhieda, meta l-preżenza tax-xhieda tkun meħtieġa skont l-artikolu 25(3)."*

L-artikolu 40 (2) (f) succitat mhuwhiex strettament wiehed mill-artikoli li l-attur specifikatament indika fir-rikors guramentat. Madankollu, u kif jitnissel mill-principji tal-gurisprudenza nostrali fosthom il-kaz **Jonathan Ellul et vs Jesmond Mercieca et deciz fl-14 t'April 2016**[32] -

*Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jinstiltu mit-termini ta' l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri*[33]*. Normalment, b'dan wiehed jifhem li dak li kellu f'mohhu min ikun fetah il-kawza jkun irid jirrizulta mill-att promotur innifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed 'il quddiem fil-kawza*[34]*.*

---

[32] Rik Gur 1190/10MCH

[33] App 07/03/1958 fil-kawza fl-ismijiet **Tabone vs DeFlavia** (Kollez. Vol: XLII.i.87)

[34] App 30/03/1998 fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Bezzina vs Anthony Galea** (mhix pubblikata)

9

Imbaghad fil-kaz **George Micallef vs Anthony Grima et deciz fid-29 t'April 2016** il-Qorti tal-Appell qalet hekk[35]:

*In tema legali din il-Qorti tikkunsidra opportuni s-segwenti principji identifikati mill-gurisprudenza interpretattiva u li huma relevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza soggett ta' dan l-appell. "L-indoli tal-azzjoni tigi dezunta mhux tant mill-kliem piu o meno ezatti ta' l-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghaliha huwa intiz il-gudizzju [**Vol.XXXIV.III.746**].*

*[....]*

*"Biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux lejn il-kliem kemm lejn dak li sostanzjalment gie mitlub[36] bic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta.* ***[Vol.lXXXV.II.776]****." [**App.S Carmelo Scicluna et vs Angelo Scicluna, 27 Frar 2015**]*

Fil-fehma tal-Qorti, dak li sostanzjalment qed jigi mitlub mill-attur, kif inhuwa anke evidenti mill-att promotur innifsu huwa wkoll dak provdut fl-artikolu 40 (2) (f) tal-Att. Fil-fatt fir-rikors promotur l-attur jippremetti hekk –

*"4. Illi jirrizulta li l-kontenut tat-testment hekk maghmul bl-ebda mod kwalsiasi ma gie spjegat lit-testatur fil-prezenza tax-xhieda hawn fuq imsemmija. Meta t-testment kien ghal kollox abbozzat ix-xhieda ssejhu biex jiffrmaw u xejn izjed."*

Isewgi li l-pretensjonijiet tal-attur ghandhom jitqiesu li jolqtu wkoll din il-materja li dwarha jipprovdi l-artikolu 40 (2) (f) tal-Att.

[35] Rik Nru 4/14
[36] Sottolinear tal-Qorti

Huwa mmedjatament evidenti li fuq din il-kwistjoni hemm divergenza kbira bejn il-verzjonijiet tal-partijiet prezenti meta sar it-testment, bl-ahwa Balzan – xhieda fit-testment – jghidu li huma kemm dahlu u ffirmaw it-testment u telqu l-barra minhabba riha tinten li kien hemm fil-kamra, mentri n-nutara u l-konvenuta Susanne Zammit jghidu bil-kontra, u cioe' li t-testment inqara fil-prezenza tat-testatur u x-xhieda kif rikjest fil-ligi.

Il-Qrati dejjem kienu konsistenti dwar il-principji li japplikaw meta jkun hemm kunflitt ta' verzjonijiet bejn il-partijiet f'kawza. Fil-kaz **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deciz fil-15 ta' Dicembru 2015**[37] **-**

*Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –*

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

[37] Rik Gur 1170/86

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).”*

*(ara wkoll: “**Bugeja vs Meilak**” – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003 ; “**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**” – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; “**Farrugia vs Farrugia**” – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966).*

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza “***Ciantar vs Curmi noe***” kien precizat hekk –*

*“Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak listat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)”.*

*(ara wkoll: "**Camilleri vs Borg**" – Appell Civili – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – Appell Civili – 5 ta` Marzu 1986).*

Huwa fl-isfond ta' dawn il-principji gurisprudenzjali li l-Qorti sejra tqis il-verzjonijiet opposti tal-partijiet.

Fl-affidavit taghhom, wiehed ghal kollox identiku, l-ahwa **David-Mario Balzan**[38] u **Malcolm John Balzan**[39] xehdu li -

*"…s-sena l-ohra, darba fil-ghaxija jien u hija Malcolm John konna barra l-ufficcju tan-Nutar Dorianne Arapa f'Hal Qormi, nistennew biex inkellmu lin-Nutara. Kien bejn wiehed u iehor is-sebgha ta' fil-ghaxija. F'daqqa wahda ghajtitilna n-Nutar, dhalna fl-ufficcju u talbitna niffirmaw fuq dokument. In-Nutar ma qaltilniex ghal xiex se niffirmaw pero' qaltilna li sejrin niffirmaw bhala xhieda. Iffirmajna u ergajna hrigna mill-ewwel ghaliex ma flahniex bir-riha li kien hemm."*

Minn naha taghha, l-konvenuta **Susanne Zammit** qalet hekk[40] -

*"6. Niftakar li wara li lestiet il-kitba tat-testment, pero' qabel ma pprocediet bil-qari tieghu, in-Nutara stiednet lil zewg guvintur li kienu fil-waiting room taghha cioe' lil David u Malcolm Balzan sabiex it-testment jinqara fil-prezenza taghhom ukoll;*

[38] Fol 46
[39] Fol 47
[40] Fol 114

*7. Illi niftakar sew li x-xhieda kienu prezenti sa minn qabel in-Nutara bdiet taqra t-testment sakemm spiccat taqrah kollu. Mhu veru xejn li dahlu biss biex jiffirmaw u telqu 'l barra."*

Il-verzjoni moghtija mill-ahwa Balzan giet kategorikament michuda min-**Nutar Dorianne Arapa**. Hija tghid li wara li abbozzat it-testment u assikurat ruhha li dak li kien hemm miktub kien jirrifletti r-rieda tieghu, ghajtet lill-ahwa David u Malcolm Balzan, klijenti taghha, li dak il-hin inzertaw kienu qeghdin jistennew fil-*waiting room* biex jinqdew[41] -

*"Dahlu fl-ufficcju. Ghidtilhom "ghandi bzonn zewg xhieda ghax is-sinjur qieghed jaghmel testament." Baqghu bil-wieqfa l-ahwa Balzan. Dak il-hin dort lejn it-testatur u ergajt bdejt naqra t-testment, nghaddih mieghu. Bi kliem semplici hafna, at a point int time ghidtlu "allura lil Noel xejn?" Alfred Zammit kien bilqieghda fuq wheelchair vicin l-iskrivanija tieghi. Fil-prezenza tax-xhieda sabbat zewg idejn fuq l-iskrivanija, gholla ghajnejh, qalli "xejn". B'konvinzjoni kbira qalli din il-kelma. Fil-prezenza tax-xhieda ffirma t-testatur. Taht il-firma tieghu iffirmaw ix-xhieda. Fil-prezenza tax-xhieda sar il-qari tat-testment u t-tifsir tieghu b'mod semplici. It-testatur iffirma quddiem ix-xhieda, rawh jiffirma."*

B'reazzjoni ghall-kontenut tal-affidavit tal-ahwa Balzan, hija qalet hekk –

*"B'referenza ghal dak li jinghad "in-nutar ma qaltilniex ghalxiex se niffirmaw pero' qaltilna li sejrin niffirmaw bhala xhieda" dan m'huwiex veru. Jien m'ghidtilhomx biss illi ser jiffirmaw bhala xhieda. L-affarijiet ma grawx hekk. Jien niched illi ghidt biss lill-ahwa Balzan illi ser jiffirmaw bhala xhieda. Fil-fatt it-testment spjegajtu fil-prezenza taghhom ukoll. Nichad illi dawn lanqas*

[41] Fol 108 et seq

*kienu jafu illi qed naghmlu testament. Id-dikjarazzjoni li ghamlu niddeskriviha bhala redikola. Mhux hekk graw l-affarijiet zgur."*

In kontro-ezami hija kompliet elaborat li[42] –

*".....assolutament qed nghid illi jiena qrajtu t-testment u anke spjegajtu b'mod semplici biex dak li jkun jista' jifhem ezattament x'inhu jinghad fit-Testment jigifieri ghax xi kultant certu termini jkunu legali zzejjed. Per ezempju jien naf imputazzjoni, kollazzjoni, dak li jkun tghidlu isma t-tfal dak li ttihom donazzjoni mhux se jigi lura fil-wirt."*

Fil-proceduri sar ukoll konfront bejn in-nutar u z-zewg xhieda li dehru fuq it-testment.

In-Nutar regghet insistiet li[43]-

*"Nikkonferema li dahlu u anke ffirmaw naturalment jigifieri pero' qabel ma ffirmaw kien hemm avvenimenti ohra li graw jigifieri l-ewwel nies jiena qrajt it-Testment, it-tieni haga kien hemm reazzjoni ukoll min-naha tat-testatur ghax imbaghad jiena min-naha tieghu ghidtlu lit-Testatur dort lejh ghidtlu inti qed tghidli li allura l-erba' ahwa ghax hu kellu hamest itfal, l-erbat itfal indaqs u Noel xejn, biex speci ifhem Noel xejn u dana pratikament kien mad-desk u ghamilli hekk le, Noel xejn."*

L-ahwa Balzan baqghu ukoll jinsistu dwar il-pozizzjoni taghhom[44] -

[42] Fol 138
[43] Fol 142
[44] Fol 143 et seq

*"…ahna kemm naf li dhalna niffirmaw qaltilna bhala xhieda u hrigna mill-ewwel ghax bir-riha ma stajniex noqoghdu."*

u

*"…ma qratux ghax ahna kemm dhalna iffirmajna."*

Wara li evalwat dawn il-verzjonijiet, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal dak li qalu l-Qrati taghna fir-rigward tal-evidenza moghtija minn nies professjonali bhal Nutara. Fil-kaz **Evelyn Farrugia vs Doris Catania deciz fid-29 t'April 2014**[45] intqal hekk -

*In kwantu ghal dak li xehed in-Nutar, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha (PA/NC) tal-5 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**Pawlu Farrugia et vs Carmelo Farrugia et**" fejn inghad hekk –*

*"Ghandhom ukoll rilevanza qawwija id-depozizzjonijiet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testatrici u n-Nutar illi kkonfezzjona ttestment dwar l-istat u l-komportament tat-testatrici fiz-zmien relevanti".*

*Kif ukoll dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-20 ta` Gunju 1938 fil-kawza "**Giuseppe Formosa vs Giuseppe Axiak**" –*

*"sebbene non costituire l'asserto del notaro che il disponente era sano di mente, da se, la prova della capacita` mentale del testatore, tuttavia le constatazioni del notaro ottenuto all'oggetto di accertarsi della capacita` a` testare del disponente, forniscono un'importante elemento di prova che, unito ad altri, puo` condurre ad un'esatto giudizio sul problema da risolvere."*

[45] Cit Nru 763/10

Fil-fehma tal-Qorti hija ferm aktar kredibbli u verosimili l-verzjoni moghtija min-nutar Dorianne Arapa. Din hija mhux biss konsistenti, dettaljata u elokwenti izda wkoll korroborata mill-konvenuta Susanne Zammit li kienet ukoll prezenti waqt il-qari tat-testment.

Ghall-istess ragunijiet il-Qorti ma tarax li x-xhieda tal-ahwa Balzan hija verosimili. Maghdud ma' dan il-Qorti tosserva li:

i. Huwa nverosimili li persuna taccetta li taqbad u tiffirma att notarili minghajr ma tkun infurmata dwar il-kontenut, imqar jekk baziku, ta' dak li qed tiffirma ghalih;

ii. Bl-enfasi li l-ahwa Balzan taw li r-riha tinten li skonthom kien hemm fil-kamra, huwa pjuttost verosimili li dawn kien aktar mohhhom biex ifittxu jitilqu l'barra *"ghax bir-riha ma stajniex noqoghdu*[46]*"* milli li jaghtu kaz ta' dak li kien qieghed jinghad fil-kamra. Probabilment ghalhekk ma kinux tant qed isegwu x'qed taqra n-nutar mill-abbozz tat-testment.

In konkluzjoni ghalhekk il-Qorti tqis li l-azzjoni tal-attur sabiex jimpunja t-testment ta' missieru Alfred Del Volto Santo Zammit tal-1 t'Ottubru 2012 ma rnexxietx u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Susanne Zammit u Rita Farrugia ghandhom jintlaqghu. Dan it-testment ghandu b'hekk jitqies validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Susanne Zammit u Rita Farrugia u tichad it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.**

[46] Fol 143

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Dep. Reg.**